# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 03 ta' Mejju 2024

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**vs**

**IBRAHIM TONSI**
**(K.I. 0339610L)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat Ibrahim Tonsi ta' sebgħa u erbgħin (47) sena, iben Saleh u Emina Binazeb, imwieled ġewwa l-Libja nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elf disgħa mija sitta u sebgħin (1976), bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0339610L u akkużat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli fit-tlettax (13) t'April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn it-tlieta ta' waranofsinhar (15:00hrs) u l-ħamsa ta' wara nofsinhar (17:00hrs) minn ġewwa Best Value Bazaar, 26, Triq Patri Magri, il-Marsa:

1. Ikkommetta serq ta' oġġetti u ċioe' kaxxa b'diversi ċrieket, liem serq huwa kkwalifikat bil-valur, liem ammont ma jeċċedix l-ammont ta'

elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' Jiemei Zammit u/jew Best Value Bazaar u/jew persuna/i ġuridiċi oħra ;

2. U talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb għal Arlene de Leon Mallo sabiex jinġurjha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara b'xi mod ;

U akkużat ukoll f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe talli:

Nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sagħtejn ta' waranofsinhar (14:00hrs) u it-tlieta u nofs ta' waranofsinhar (15:00hrs) minn ġewwa il-Perfumes and More (preċedenti magħruf bħala D&P Perfumery) ta' Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun:

3. Bil-ħsieb li jisraq oġġett u ċioe' fwieħa għad-dannu ta' Pefumes and More u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liem delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, liem serq jeċċedi l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) ;

Nhar is-sittax (16) t'April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn sitta ta' waranofsinhar (18:00hrs) u is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00hrs) minn ġewwa The Convenience Shop ta' Triq il-Mimosa, f'tal-Pieta':

4. Ikkommetta serq ta' affarijiet tal-ikel, liem serq jeċċedi l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' The Convenience Shop u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra ;

Nhar it-tletin (30) t'April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn il-ħamsa ta' waranofsinhar (17:00hrs) u is-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) minn ġewwa The Convenience Shop ta' Triq il-Mimosa, f'tal-Pieta':

5. Ikkommetta serq ta' affarijiet tal-ikel u liem serq jeċċedi l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) iżda ma jeċċedix l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u dan għad-detriment ta' The Convenience Shop u/jew persuni naturali u/jew ġuridiċi oħra ;

U akkużat ukoll talli matul ix-xahar ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u ghoxrin (2024) u/jew fil-granet ta' qabel u/jew fil-gimgħat ta' qabel u/jew fix-xhur ta' qabel ġewwa Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. U talli fl-istess dati, lok, ħinijiet, u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kienu misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilhu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti kienet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Arlene de Leon Mallo u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat Ibrahim Tonsi skont l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputat għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużi odjerni rigwardjaw serje ta serqiet li saru mill-akkwati tal-Marsa, Ħamrun u G'Mangia.

L-ewwel akkuża tirrigwardja serqa ta' ċrieket b'valur ta' aktar minn €400 iżda li ġew irritornati lura lil sidhom mill-akkużat wara li l-addetta mal-ħanut telqet tiġri wara l-akkużat hekk kif seħħet is-serqa. Hekk kif irnexxielha taqbdu, seħħet alterkazzjoni bejniethom. Fortunatament ħadd ma weġġa' waqt din l-alterkazzjoni.
Jirriżluta wkoll li dawn iċ-ċrieket ma ġarrbu ebda ħsara.

It-tielet akkuża tirrigwardja serqa ta' fwieħa minn ħanut fil-Ħamrun. Hawnhekk, l-akkużat daħal fil-ħanut fejn qal lill-addetta li ried jixtri fwieħa. Hi bdiet turieħ diversi fwejjaħ u f'ħin minnhom innotatu jgħatiha dahru u jitfa' xi ħaġa fil-ġakketta. Hi staqsietu x'għamel u qaltlu li se ċċempel lill-Pulizija. Wara ftit ħin, hu rritorna lura l-fwieħa li kien ħa minn fuq l-ixkaffa.

l-akkużi rimanenti jirrigwardjaw serq sempliċi ta' oġġetti tal-ikel li hu wettaq minn ħanut fi G'Mangia.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis għalkemm il-valur komplessiv tas-serqiet m'huwex wieħed konsiderevoli, mill-fedina penali tiegħu jirriżulta li din m'hijiex l-ewwel serqa tat-tip tagħha li għamel l-akkużat. Il-Qorti semgħet li l-akkuzat għandu riżorsi limitati ħafna, tant li qed jorqod ġewwa store ta' kumpanija u, in kontro-kambju, joqgħod għassa mal-istores bil-lejl. Fis-sottomissjonijiet tagħha, id-difiża argumentat li f'dan il-każ għandu japplika l-Artikolu 337(2)(ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li l-akkużat rodd dak kollu li seraq fir-rigward tal-ewwel u t-tielet akkuża. Fir-rigward tal-akkużi rimanenti, dawn kienu oġġetti tal-ikel li ġew ikkunsmati.

Illi min-naħa l-oħra, il-prosekuzzjoni argumentat l-akkużat diġà nstab ħati ta' tlett serqiet preċedenti u b'hekk għandu japplika l-Artikolu 289(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis li l-akkużat għadu ma bediex jidderiġi ħajtu lejn l-osservanza tal-liġi u b'hekk huwa għandu jingħata piena karċerarja effettiva. Jidher ċar li t-twissijiet li ngħata minn dawn il-qrati preċedentement ma ħallewx l-effett mixtieq u b'hekk jidher ċar li l-akkużat għadu mhux lest li jirrispetta l-propjetà ta' ħaddieħor u li josserva l-liġi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(ċ), 267, 279(a), 284, 285, 289, 337(2)(ċ) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil Ibrahim Tonsi **ħati** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' disa' (9) xhurd priġunerija effettivi.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-akkużat a favur ta' Arlene De Leon Malla u dan għal żmien sena (1) mil-lum, u dan taħt dawk il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment illum stess.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti tqis li ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**